*-kawża bid-dispensa mis-smiegħ*

*-Art 167-170 Kap 12*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**RikorsNru. 655/2020GM**

**Avv. Cedric Mifsud a nom u in rappreżentanza ta' Commercial Aviation Services LLC bl-indirizz PO BOX 521605, Miami, FL 33172, United States of America**

**vs**

**HI FLY Limited (C-59107)**

**Seduta tal-15 ta' Settembru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-attur nomine wara li espona illi:

1. Illi nhar is-6 ta' Mejju 2020, is-soċjeta' rikorrenti Commercial Aviation Services Limited LLC daħlet f'kuntratt ta' Air charter (Dok A) mas-soċjeta' intimata HI FLY Limited fejn l-ajruplan tat-tip A340-300 proprjeta' tas-soċjeta' intimata kellu jiġi *chartered* lis-soċjeta' rikorrenti sabiex fl-14 ta' Mejju 2020 jagħmel vjaġġ b'merkanzija tas-soċjeta'

rikorrenti, mill-Ajruport Internazzjonali ta' Ningbo Lishe (NGB) ġeww iċ-Ċina għall-Ajruport ta' Santo Domingo (SDQ) ġewwa r-Repubblika Duminikana;

2. Illi ai termini tal-Klawsola 8 tal-kuntratt ta' Air Charter, is-soċjeta' attriċi kellha tagħmel pagamenti ta' €98,000 bħala depisuti fis-6 ta' Mejju 2020 u pagament ta' €398,388 nhar il-11 ta' Mejju 2020. Għaldaqstant is-soċjeta' rikorrenti għamlet pagament totali ta' €496,388 lis-soċjeta' intimata għal servizzi ta' ichartering hekk kif stipulati fil-kuntratt surreferit;
3. Illi ai termini Klawsola 8.1 tal-Kundizzjonijiet Ġenerali annessi mal-Kuntratt ta' *Air Charter*, kienet ir-responsabbilita' tas-soċjeta' intimata li tottjeni l-permessi u l-awtorizzazzjonijiet neċessarji għall-esekuzzjoni tac-*charter* in kwistjoni. Illi madanakollu, is-soċjeta' intimata naqqset milli tagħmel dan hekk kif ma ottjenietx il-*landing permits* neċessarji mingħand l-Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni Ċiniża (CAAC) ġewwa ċ-Ċina għall-vjaġġ li kellu jsir nhar l-14 ta' Mejju 2020. Dan għaliex skont *email* mis-soċjeta' rikorrenti nhar it-12 ta' Mejju 2020 (Dok B), l-Ajruport Internazzjonali ta' Ningbo Lishe ġewwa ċ-Ċina ma kelux l-ispazju neċessarju sabiex jakkomoda l-ajruplan u l-merkanzija in kwistjoni. Għaldaqstant ma kienx possibbli għas-soċjeta' attriċi illi tipproċedi bil-konsenja tal-merkanzija;
4. Illi għaldaqstant, minħabba in-nuqqas tas-soċjeta' intimata li tottjeni il-*landing permits* neċessarji, din ma setgħatx tipprovdi s-servizz ta' *chartering* illi kienet obbligata tipprodi lis-soċjeta' rikorrenti a bażi tal-kuntratt ta' *Air Charter* u għalhekk hija għandha tirritorna l-ammont ta' €496,388 illi s-soċjeta' rikorrenti ħallset lis-soċjeta' intimata għal dawn is-servizzi li kellhom jiġu pprovduti lilha u li ma ġewx pprovduti mill-istess soċjeta' intimata, bi ksur ta' l-istess ftehim;
5. Illi minkejja l-fatt illi s-soċjeta' rikorrenti interpellat diversi vdrabi lis-

soċjeta' intimata sabiex tagħmel rifużjoni tal-pagament mogħti lilha mis-soċjeta' rikorrenti, hija baqgħet inadempjenti u sal-ġurnata tal-lum dan l-ammont għadu ma ġiex rimborżat lis-soċjeta' rikorrenti. Għaldaqstant is-soċjeta' intimata hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' €496,388;

6. Illi għaldaqtant nhar l-10 ta' Lulju 2020, is-soċjeta' rikorrenti intavolat mandat ta' sekwestru numru 863/2020 fil-konfront tas-soċjeta' intimata HI FLY Limited fl-ammont ta' €496,388;
7. Illi l-imsemmi ammont ta' €496,388 huwa dejn ċert, likwidu u dovut u li ma jikkonsistix fl-eżekuzzjoni ta' xi fatt, mis-soċjeta' intimata lis-soċjeta' rikorrenti u għalhekk fil-fehma tas-soċjeta' rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ, billi fl-umli fehma tal-istess rikorrenti nomine, is-sopċjeta' intimata ma għandhiex eċċezzzjonijiet validi xi tressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont;

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Taqta' il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikoli 167 *et sequitur* tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Tiddikjara illi s-soċjeta' intimata hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti Commercial Aviation Services LLC fis-somma ta' €496,388, rappreżentanti ammont mħallas mis-socjeta' rikorrenti lis-soċjeta' intimata għal servizzi ta' *charter* ta' ajruplan skond il-ftehim datat 6 ta' Mejju 2020 u liema servizzi ma kienuxc provduti mill-istess soċjeta' intimata u dan bi ksur ta' l-istess ftehim;
3. Tikkundanna lis-soċjeta' intimata sabiex tħallas lis-soċjeta' rikorrenti Commercial Aviation Services LLC is-somma ta' €496,388 għar-raġunijiet kif fuq dettaljati.

Rat li s-soċjeta` konvenuta ġiet debitament notifikata fl-indirizz indikat fir-rikors ġuramentat fil-21 t'Awwissu 2020;

Semgħet ix-xiehda tal-avukat Dr. Cedric Mifsud li kkonferma li mid-data li ġie intavolat ir-Rikors Maħluf, il-bilanċ baqa' l-istess u ma sar ebda ħlas mis- soċjetà konvenuta.

Rat li l-ebda rappreżentant tas-soċjeta` konvenuta imsejjaħ tlett darbiet ma deher waqt l-udjenza tallum;

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat is-subartikolu (1) tal-Artikolu 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar smigħ ta' kawżi bil-proċedura sommarja, komunement magħrufa bħala bil-giljottina, u tenut kont li l-ammont dovut fir-Rikors Maħluf ġie debitament irrikonfermat mill-attur nomine bil-ġurament tiegħu;

Illi għaldaqstant din il-Qorti hi sodisfatta li l-attur nomine ppruva l-każ tiegħu skont il-liġi.

Dispożittiv:

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ, ai termini ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
2. Tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara illi s-soċjeta' intimata hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti Commercial Aviation Services LLC fis-somma ta' €496,388, rappreżentanti ammont mħallas mis-soċjeta' rikorrenti lis-

soċjeta' intimata għal servizzi ta' *charter* ta' ajruplan skond l-ftehim datat 6 ta' Mejju 2020 u liema servizzi ma kienux provduti mill-istess soċjeta' intimata u dan bi ksur ta' l-istess ftehim;

3. Tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lis-soċjeta' intimata sabiex tħallas lis-soċjeta' rikorrenti Commercial Aviation Services LLC is-somma ta' €496,388 għar-raġunijiet kif fuq dettaljati.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru 863/2020 u bl-imgħax legali mis-6 ta' Mejju 2020 sad-data tal-ħlas effettiv.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA